

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 177



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 61

13 ta' Lulju 2018

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- |  |   |
|--|---|
| ★ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/990 tal-10 ta' April 2018 li jemenda u jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet u l-karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs) sempliċi, trasparenti u standar-dizzati (STS), ir-rekwiżiti għall-assi riċevuti bħala parti minn ftehimiet ta' retroriakkwist u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu <sup>(1)</sup> ..... | 1 |
| ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/991 tat-12 ta' Lulju 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-idrolizat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 <sup>(1)</sup> .....  | 9 |

#### DEĊIŻJONIJIET

- |  |    |
|--|----|
| ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/992 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għata-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) (EUTM Somalia/1/2018) .....                  | 12 |
| ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/993 tal-11 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoniijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1218 u (UE) 2017/1219 fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni (notifikata bid-dokument C(2018) 4312) <sup>(1)</sup> ..... | 14 |

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/990

tal-10 ta' April 2018

**li jemenda u jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tat-titolizzazzjonijiet u l-karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs) sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS), ir-rekwiżiti għall-assi riċevuti bħala parti minn ftehimiet ta' retroriakkwist u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 11(4), 15(7) u 22 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1131 jippermetti lill-MMFs jinvestu f'titolizzazzjonijiet jew karti kummerċjali garantiti b'assi (ABCPs). Teżisti incenċtiva spċificha għal investiment f'titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) jew ABCPs. Peress li r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> digħi jinkludi rekwiżiti għat-titolizzazzjonijiet u l-ABCPS sempliċi trasparenti u standardizzati (STS), hemm bżonn li r-Regolament (UE) 2017/1131 jiġi emendat biex issir kontroreferenza għad-dispożizzjoniċċi tar-Regolament (UE) 2017/2402 li sihom dawn ir-rekwiżiti.
- (2) Il-ftehimiet ta' retroriakkwist jippermettu lill-MMFs jimplimentaw l-istratxija ta' investiment u jilħqu l-objettivi tagħha skont it-termi tar-Regolament (UE) 2017/1131. Dak ir-Regolament jirrikjedi li l-kontroparti ta' ftehim ta' retroriakkwist ikollha affidabbiltà tal-kreditu u li l-assi riċevuti bħala kollateral ikollhom likwidità u kwalitā suffiċċenti biex jippermettu lill-MMFs jiksbu l-objettivi tagħhom u jissodisfaw l-obbligi tagħhom, fkaż li tali assi jkollhom bżonn jiġi likwidati. Il-ftehimiet standard użati għall-ftehimiet ta' retroriakkwist jistgħu jikkontribwixxu għall-ġħan tal-ġestjoni tar-riskju tal-kontroparti. Madankollu, ċerti klawsoji jistgħu jaġħmlu l-assi sottostanti ta' ftehimiet ta' retroriakkwist mhux disponibbli għal maniġers ta' MMFs u b'hekk illikwid. Għalhekk, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-assi jkunu disponibbli għal maniġers tal-MMFs fkaż ta' inadempjenza jew fkaż ta' terminazzjoni bikrija ta' ftehimiet ta' retroriakkwist, u li l-kontroparti ma tillimitax il-bejjgħ tal-assi billi tirrikjedi avviż jew approvazzjoni minn qabel.
- (3) Jenħtieġ li l-maniġers ta' MMFs ma jkunux obbligati japplikaw aġġustament spċificu għall-valur ta' assi (telf impost) jekk il-kontroparti ta' ftehim ta' retroriakkwist tkun soġġetta għal regoli prudenzjali skont il-liggi tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-kollateral ipprovdu skont ftehim ta' retroriakkwist ikun ta' kwalitā għolja, il-maniġers ta' MMFs għandhom japplikaw rekwiżiti addizzjonal meta l-kontroparti ta' ftehim ma tkunx regolata

<sup>(1)</sup> ĠUL 169, 30.6.2017, p. 8.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas spċificu għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠUL 347, 28.12.2017, p. 35).

skont il-liġi tal-Unjoni jew ma tkunx rikonoxxuta bħala ekwivalenti. Sabiex tiġi żgurata konsistenza fil-liġi tal-Unjoni, ir-rekwiżiti minimi għal telf impost jenħtieġ li jkunu l-istess bħar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

- (4) Jenħtieġ li l-maniġers ta' MMFs ikunu jistgħu japplikaw telf impost aktar għoli mill-ammont minimu stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta jqisu li jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-kollateral riċevut bħala parti minn ftehim ta' retroriakkwist ikun likwidu bīżejjed, jekk il-kondizzjonijiet tas-suq jesiġu dan. Jenħtieġ ukoll li huma jimmonitorjaw u jirrevedu l-ammont ta' telf impost mitħab sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' likwidità, b'mod partikolari meta l-ammont ta' telf impost stipulat fl-Artikolu 224(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi rivedut, jew il-maturitā residwa tal-assi jew fatturi oħra relatati mal-vijabbiltà tal-kontroparti jkunu nbidlu.
- (5) Il-metodoloġi ta' valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 19(3) jenħtieġ li jkunu prudenti bīżejjed biex jiġi żgurat li l-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi li jappoġġaw valutazzjonijiet tal-kwalitā tal-kreditu jkunu affidabbli u xierqa biex jivvalutaw b'mod xieraq il-kwalitā tal-kreditu ta' strumenti eliġibbli għall-investiment. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-fatturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi li l-maniġers tal-MMFs jieħdu fkunsiderazzjoni fil-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu jkunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu ta' emittent jew ta' strumenti eliġibbli għall-investiment.
- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-strumenti li l-maniġers tal-MMFs bi ħsiebhom jinvestu fihom ikunu ta' kwalitā suffiċjenti, jenħtieġ li l-maniġers tal-MMFs iwettqu valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu kull darba li bi ħsiebhom jagħmlu investiment. Sabiex tiġi evitata c-ċirkomvenzjoni tar-rekwiżit fir-Regolament (UE) 2017/1131 li l-maniġers tal-MMFs jinvestu biss fi strumenti li jkunu rċevel valutazzjoni favorevoli tal-kwalitā tal-kreditu, jenħtieġ li l-maniġers ta' MMFs jistabbilixxu b'mod ċar, bħala parti mill-metodoloġija tal-kwalitā tal-kreditu, il-kriterji għal-valutazzjoni favorevoli ta' strumenti eliġibbli għal investiment MMF, qabel ma jwettqu l-valutazzjoni proprja tal-kwalitā tal-kreditu.
- (7) Jenħtieġ li l-metodoloġi ja u l-kriterji użati għal valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu jkunu konsistenti, minbarra meta jkun hemm raġuni objettiva għaliex wieħed jitbiegħed mill-metodoloġija jew mill-kriterji. Jenħtieġ li l-kriterji u l-metodoloġi ja ġiġi żviluppati għal użu rikorrenti, mhux biss għal każ partikolari fmument spċificu. L-użu konsistenti tal-kriterji u tal-metodoloġi ja għandu jagħmilha aktar faċċi li wieħed jimmonitorja l-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu.
- (8) Sabiex tiġi żgurata l-kwantifikazzjoni korretta tar-riskju ta' kreditu tal-emittent, u r-riskju relativi ta' inadempjenza tal-emittent u tal-strument, kif meħtieġ skont l-Artikolu 20(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1131, jenħtieġ li l-maniġers tal-MMFs jużaw il-kriterji kwantitattivi rilevanti li huma disponibbli fis-suq. Madankollu, huma ma għandhomx jinżammu milli jużaw fatturi addizzjonal, jekk rilevanti.
- (9) Il-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu tal-emittent hija waħda mill-valutazzjonijiet l-aktar importanti li jridu jitwettqu, peress li tipprovidi l-ewwel livell ta' garanzija tal-kwalitā tal-assi. Safejn ikun possibbli, il-maniġers ta' MMFs, għalhekk, jenħtieġ li jqisu l-fatturi kollha li huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi rigward ir-riskju ta' kreditu għall-emittent ta' strument.
- (10) Fċirkostanzi eċċeżżjoni, b'mod partikolari taħt kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, jenħtieġ li maniġers ta' MMFs ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment li jieħdu preċedenza fuq ir-riżultat ta' valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu jekk tali deċiżjonijiet ta' investiment ikunu fl-interessi tal-investituri, sakemm dawk id-deċiżjonijiet ikunu ġustifikati u dokumenti kif suppost.
- (11) Peress li l-kwalitā tal-strumenti tista' tvarja matul iż-żmien, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu ma tkunx valutazzjoni ta' darba, iż-żda jenħtieġ li titwettaq kontinwament. Barra minn hekk, għandha tiġi riveduta, b'mod partikolari, meta jkun hemm bidla materjali, kif imsemmi fl-Artikolu 19(4)(d) tar-Regolament (UE) 2017/1131, fl-ambjent makroekonomiku jew mikroekonomiku li jista' jkollu impatt fuq il-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu tal-strument.
- (12) Jenħtieġ li l-maniġers tal-MMFs ma jiddependux mekkanikament b'mod eċċessiv fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni. Għalhekk, jenħtieġ li t-naqqis fil-grad tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew tal-prospett tal-klassifikazzjoni mill-äġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li jingħata lil emittent jew strument jiġi kkunsidrat bidla materjali biss jekk ikun għie vvalutat u mwieżen ma' kriterji oħra. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-maniġers ikunu meħtieġa jwettqu l-valutazzjoni proprja tagħħom, anki meta jsir tnaqqis fil-grad.
- (13) Jenħtieġ li l-kollateral provvdut bħala parti minn ftehimiet ta' retroriakkwsit ikun ta' kwalitā għolja u ma jurix korrelazzjoni kbira mal-prestazzjoni tal-kontroparti. Il-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu tiegħu, għalhekk, jenħtieġ li tkun favorevoli. Peress li ma hemm ebda raġuni li ssir distinzjoni bejn il-valutazzjonijiet imwettqa minn maniġers tal-MMFs meta jinvestu direttament fass-istiġġibbi u l-valutazzjoni li jwettqu meta jircieu assi bħala kollateral, il-valutazzjoni tal-kwalitā tal-kreditu jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-istess kriterji fiż-żewġ każijiet.

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzjoni jiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

- (14) Ir-Regolament (UE) 2017/1131 jagħti tliet setgħat lill-Kummissjoni biex tispeċifika u temenda ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament. Dawn is-setgħat kollha għandhom l-ġhan li jiżguraw li l-MMFs jiġu investiti fass-eligiblek xierqa. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza ta' dawk ir-rekwiżiti u biex in-nies soġġetti għalihom jingħataw ħarsa ġenerali u punt ta' aċċess għliahom, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jitqiegħdu fregolament wieħed.
- (15) Jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament delegat tiġi allinjata mad-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/1131 sabiex jiġi żgurat li r-regoli u r-rekwiżiti kollha jkunu japplikaw għall-MMFs mill-istess data. Id-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni emendantorja li tagħmel kontroreferenza għall-kriterji tat-titolizzazzjonijiet u l-ABCps sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) għandha tkun l-istess bħad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2402,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU 1

### **KRITERJI BIEX JISTABBILIXXU TITOLIZZAZZJONI JEW KARTA KUMMERĊJALI GGARANTITA B'ASSI (ABCP) SEMPLIĊI, TRASPARENTI U STANDARDIZZATA (STS)**

(L-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2017/1131)

#### Artikolu 1

##### **Emenda għar-Regolament (UE) 2017/1131**

Fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2017/1131, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

- “(c) Titolizzazzjoni (STS) sempliċi, trasparenti u standardizzata, kif determinata f'konformità mal-kriterji u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 20, 21 u 22 tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), jew ABCP STS, kif iddeterminata f'konformità mal-kriterji u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 24, 25 u 26 ta' dak ir-Regolament.
- (\*) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas spċificu għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standarizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35)”.

## KAPITOLU 2

### **REKWIŻITI KWANTITATTIVI U KWALITATTIVI TA' KWALITÀ TAL-KREDITU GĦALL-ASSI RIĊEVUTI BĦALA PARTI MINN FTEHIMIET TA' RETRORIAKKWIST**

(L-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) 2017/1131)

#### Artikolu 2

##### **Rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi ta' likwidità għall-assi msemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2017/1131.**

- Il-ftehimiet ta' retroriakkwist kif imsemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2017/1131 għandhom jissodisfaw l-istandard tas-suq stabbiliti u t-termini u l-kundizzjonijiet għandhom jippermettu lill-manigħers tal-MMFs jinfurzaw id-drittijiet tagħhom bis-šíħi fkaż ta' inadempjenza tal-kontroparti ta' tali ftehimiet, jew it-terminazzjoni bikrija tagħhom u jagħtu lill-manigħers tal-MMFs id-dritt mhux ristrett li jbigħu kwalunkwe assi riċevut bħala kollateral,
- L-assi imsemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2017/1131 għandhom ikunu soġġetti għal telf impost, li jkun daqs iċ-ċifri tal-aġġustamenti għall-volatilità imsemmija fit-tabelli 1 u 2 tal-Artikolu 224(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal maturità residwa partikolari, li jikkorrispondu għal perijodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest (5) ijiem u għall-ogħla valutazzjoni f'termini ta' skala tal-kwalità tal-kreditu.
- Meta jkun meħtieġ, il-manigħers ta' MMFs għandhom japplikaw telf impost addizzjonali għal dak imsemmi fil-paragrafu 2. Sabiex jiġi vvalutat jekk huwiex meħtieġ telf impost addizzjonali, huma għandhom iqis u l-fatturi li ġejjin:
  - il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-kontroparti tal-ftehim ta' retroriakkwist;
  - il-perijodu b'riskju ta' marġni, kif definit fl-Artikolu 272(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

- (c) il-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu tal-emittenti jew tal-assi li jantuża bħala kollateral;
- (d) il-maturità residwa tal-assi użati bħala kollateral;
- (e) il-volatilità tal-prezz tal-assi li jantużaw bħala kollateral.

4. Għall-fini tal-paragrafu 3, il-maniġers tal-MMFs għandhom jimplimentaw politika ċara fir-rigward ta' kull telf impost li tkun adatta għal kull assi, kif imsemmi fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2017/1131, irċevut bħala kollateral. Din il-politika għandha tkun dokumentata u għandha tiġġiustika kull deċiżjoni biex jiġi applikat telf impost speċifiċu għall-valur ta' assi.

5. Maniġers ta' MMFs għandhom jirrevedu regolarmen it-telf impost imsemmi fil-paragrafu 2, filwaqt li jqis u l-bidliet fil-maturità residwa tal-assi użati bħala kollateral. Huma għandhom jirrevedu wkoll it-telf impost addiżżejjonali msemmi fil-paragrafu 3, kull meta l-fatturi imsemmija f'dak il-paragrafu jinbidlu.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw jekk il-kontroparti tal-ftehim ta' retroriakkwist tkun xi wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) istituzzjoni ta' kreditu sorveljata skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹), jew istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'pajjiż terz, bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;
- (b) ditta tal-investiment sorveljata skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), jew ditta tal-investiment ta' pajjiż terz, bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali jkunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;
- (c) impriżza tal-assigurazzjoni sorveljata skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³), jew impriżza tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz, bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji jkunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;
- (d) kontroparti ċentrali awtorizzata skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴);
- (e) il-Bank Ċentrali Ewropew;
- (f) bank ċentrali nazzjonali;
- (g) bank ċentrali ta' pajjiż terz, bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali applikati f'dak il-pajjiż ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 114(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

### KAPITOLU 3

#### KRITERJI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-KREDITU

(L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/1131)

#### Artikolu 3

##### **Kriterji għall-validazzjoni tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu imsemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

1. Il-maniġers tal-MMFs għandhom jivvalidaw il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu imsemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131 bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jiġu applikati b'mod sistematiku fir-rigward tal-emittenti u l-strumenti differenti;
- (b) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jiġu appoġġati minn għadd suffiċjenti ta' kriterji kwalitativi u kwantitativi rilevanti;

(¹) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjoni jiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investimenti, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(²) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

(³) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzu tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbilt II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjoni jiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

- (c) l-inputs kwalitattivi u kwantitattivi tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu ikunu affidabbi, bl-użu ta' kampjuni tad-dejta ta' daqs xieraq;
- (d) valutazzjonijiet interni tal-kwalità tal-kreditu tal-passat prodotti bl-użu tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu ġew rieżaminati b'mod xieraq mill-maniġers tal-MMFs inkwistjoni biex jiġi determinat jekk il-metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu humiex indikatur xieraq tal-kwalità tal-kreditu;
- (e) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu ikunu jinkorporaw, għall-fini tal-iżvilupp u l-approvazzjoni tagħhom, kontrolli u proċessi li jippermettu verifika xierqa tagħhom;
- (f) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jinkorporaw fatturi li maniġers tal-MMFs iqisu rilevant biex jiddeterminaw il-kwalità tal-kreditu ta' emittent jew ta' strument;
- (g) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu japplikaw sistematikament is-suppożizzjonijiet ewlenin li huma l-bażi tal-kwalità tal-kreditu u l-kriterji li jappoġġawha biex jipproduċu l-valutazzjonijiet kollha tal-kwalità tal-kreditu, sakemm ma jkunx hemm raġuni oġġettiva biex dan ma jsirx;
- (h) il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jinkludu proċeduri biex jiġi żgurat li l-kriterji msemmija fil-punti (b), (c) u (g) li jappoġġaw il-fatturi rilevant fil-metodoloġiji interni ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu jkunu ta' kwalità affidabbi u rilevant għall-emittenti jew għall-istrument.

2. Bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-metodoloġiji interni ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu, il-maniġers tal-MMFs għandhom jivvalutaw is-sensittività tal-metodoloġiji għal bidlet fxi wieħed mis-suppożizzjonijiet u mill-kriterji sottostanti tal-kwalità tal-kreditu.

3. Il-maniġers tal-MMFs għandu jkollhom proċessi fis-seħħ biex jiġi żgurat li kwalunkwe anomalija jew nuqqas enfasizzati mill-it-testjar retrospettiv imsemmi fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131 jiġu identifikati u indirizzati kif xieraq.

4. Il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131 għandhom:

- (a) jibqħu jintużaw, sakemm ma jkunx hemm raġuni oġġettiva għaliex il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu jkollhom jiġi mibdula jew imwaqqfa milli jintużaw;
- (b) ikunu jistgħu jinkorporaw minnufih kull riżultat tal-monitoraġġ kontinwu jew ta' rieżami, b'mod partikolari fejn bidlet fil-kundizzjonijiet strutturali makroekonomiċi jew fis-swieq finanzjarji jistgħu potenzjalment jaffettaw valutazzjoni tal-kreditu prodotta bl-użu ta' dawk il-metodoloġiji ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu;
- (c) jippermettu li l-valutazzjonijiet interni tal-kwalità tal-kreditu jiġu mqabbla.

5. Il-metodoloġija ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu imsemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131 għandha tittejeb minnufih jekk xi rieżami, inkluża validazzjoni, turi li mhix adegwata biex tiżgura valutazzjoni sistematika tal-kwalità tal-kreditu.

6. Il-proċedura ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu għandha tispeċifika bil-quddiem is-sitwazzjonijiet meta l-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu titqies favorevoli.

#### Artikolu 4

##### **Kriterji għall-kwantifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu, u r-riskju relattività ta' inadempjenza tal-emittent u tal-istrument, kif imsemmija fl-Artikolu 20(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

1. Il-kriterji għall-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-emittent, u r-riskju relattività ta' inadempjenza tal-emittent u tal-istrument, imsemmija fl-Artikolu 20(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1131 għandhom ikunu li ġejjin:

- (a) l-informazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-bonds, inklużi l-firxiet tal-kreditu u l-prezzijiet ta' strumenti bi-ðħul fiss komparabbli u titoli relatati;
- (b) il-prezzijiet ta' strumenti tas-suq monetarju relatati mal-emittent, l-istrument jew is-settur industrijali;
- (c) l-informazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu, inkluż firxiet ta' swaps ta' inadempjenza ta' kreditu għal strumenti komparabbli;
- (d) statistika ta' inadempjenza rigward l-emittent, l-istrument jew is-settur tal-industrija;

- (e) l-indiċijiet finanzjarji relatati mal-lokazzjoni ġeografika, is-setturi tal-industrija jew il-klassi tal-assi tal-emittent jew tal-strument;
- (f) l-informazzjoni finanzjarja rigward l-emittent, inkluż il-proporzjonijiet ta' profitabilità, il-proporzjon ta' kopertura tal-imgħax, il-metrika tal-ingranaġġ finanzjarju u l-prezzijiet ta' ħruġ ġdid, inkluż l-eżistenza ta' titoli aktar subordinati.

2. Meta jkun meħtieġ u rilevanti, il-maniġers tal-MMF għandhom japplikaw kriterji addizzjonali ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

#### Artikolu 5

##### **Kriterji għall-istabbiliment ta' indikaturi fir-rigward tal-emittent tal-strument, imsemmija fl-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

1. Il-kriterji biex jiġu stabbiliti indikaturi kwalitattivi fir-rigward tal-emittent tal-strument, imsemmija fl-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1131, għandhom ikunu dawn li ġejjin:
  - (a) analiżi ta' kwalunkwe assi sottostanti, li għall-esponenti għat-titolizzazzjoni għandu jinkludi r-riskju ta' kreditu tal-emittent u r-riskju ta' kreditu tal-assi sottostanti;
  - (b) analiżi ta' kwalunkwe aspett strutturali tal-strumenti rilevanti māħruġa mill-emittent, li fkaż ta' strumenti finanzjarji għandhom jinkludu analiżi tar-riskju inerenti operazzjonali u tal-kontroparti tal-strument finanzjarju strutturat;
  - (c) analiżi tas-suq/swieq rilevanti, inkluż il-volum u l-likwidità ta' dawn is-swieq;
  - (d) analiżi sovrana, li tinkludi l-firxa tal-obbligazzjonijiet espliċiti u kontinġenti u d-daqi tar-riżervi tal-kambju meta mqabbla ma' obbligazzjonijiet tal-kambju;
  - (e) analiżi tar-riskju ta' governanza rigward l-emittent, inklużi frodi, multi ta' kondotta, litigazzjoni, dikjarazzjonijiet mill-ġdid finanzjarji, oġġetti eċċezzjonali, fatturat tal-maniġment, konċentrazzjoni ta' min jissellef u kwalità tal-awditjar;
  - (f) riċerka relatata mat-titoli dwar l-emittent jew is-setturi tas-suq;
  - (g) meta tkun rilevanti, analiżi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew prospettiva ta' klassifikazzjoni mogħtija lill-emittent ta' strument minn aġenċija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu reġistrata mal-ESMA u maħtura mill-manigħer tal-MMF, jekk tkun adatta għall-portafoll ta' investimenti speċifiku tal-MMF.
2. Meta jkun meħtieġ u rilevanti, il-maniġers tal-MMFs għandhom japplikaw kriterji addizzjonali għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

#### Artikolu 6

##### **Kriterji għall-istabbiliment tal-indikaturi kwalitattivi tar-riskju tal-kreditu fir-rigward tal-emittent tal-strument, kif imsemmija fl-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

Safejn ikun possibbli, il-maniġers tal-MMF għandhom jivvalutaw il-kriterji kwalitattivi tar-riskju tal-kreditu li ġejjin għal emittent ta' strument:

- (a) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-emittent, jew, fejn applikabbli, tal-garanti;
- (b) is-sorsi ta' likwidità tal-emittent, jew fejn applikabbli, tal-garanti;
- (c) l-abbiltà tal-emittent li jirreġixxi għal avvenimenti fis-suq kollu jew speċifiċi għall-emittent, inkluż l-abbiltà li jħallas lura dejn f'sitwazzjoni negattiva ħafna;
- (d) kemm hija b'saħħitha l-industrija tal-emittent fl-ekonomija skont it-tendenzi ekonomiċi u l-pożizzjoni kompetittiva tal-emittent fl-industrija tiegħu.

#### Artikolu 7

##### **Invalidazzjonijiet**

1. Il-maniġers tal-MMF jistgħu jitbiegħdu mir-riżultat ta' metodoloġija ta' valutazzjonijiet interni tal-kwalità tal-kreditu biss fċirkostanzi eċċezzjonali, inklużi kundizzjonijiet tas-suq stressati, u meta jkun hemm raġuni objettiva biex jagħmlu dan. Il-maniġers tal-MMFs li jitbiegħdu mill-output ta' metodoloġija ta' valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu għandhom jiddokumentaw din id-deċiżjoni.

2. Bħala parti mill-proċess ta' dokumentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-maniġers tal-MMFs għandhom jispeċifikaw il-persuna responsabbli mid-deċiżjoni, kif ukoll ir-raġuni objettiva għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni.

**Artikolu 8****Bidla materjali kif imsemmija fl-Artikolu 19(4)(d) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

1. Se jkun hemm bidla materjali kif imsemmi fl-Artikolu 19(4)(d) tar-Regolament (UE) 2017/1131 kull meta:

(a) jkun hemm bidla materjali fir-rigward ta' xi waħda minn dawn li ġejjin:

- (i) l-informazzjoni dwar id-determinazzjoni tal-bonds, inklużi firxiet tal-kreditu u l-prezzijiet ta' strumenti ta' dħul fiss komparabbi u titoli relatati;
  - (ii) l-informazzjoni dwar id-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu, inklużi l-iswaps ta' inadempjenza ta' kreditu għal strumenti komparabbi;
  - (iii) l-istatistika tal-inadempjenza relatata mal-emittent jew l-istrument;
  - (iv) l-indiċċijiet finanzjarji relatati mal-lokazzjoni ġeografika, is-settur tal-industrija jew il-klassi tal-assi tal-emittent jew tal-istrument;
  - (v) l-analiżi tal-assi sottostanti, b'mod partikolari għal strumenti strutturati;
  - (vi) l-analiżi tas-suq (swieq) rilevanti, inkluż il-volum u l-likwidità tagħhom;
  - (vii) l-analiżi tal-aspetti strutturali tal-istrumenti rilevanti;
  - (viii) ir-riċerka relatata mat-titoli;
  - (ix) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-emmittent;
  - (x) is-sorsi ta' likwidità tal-emmittent;
  - (xi) l-abbiltà tal-emmittent li jirreġixxi għal avvenimenti futuri fis-suq kollu jew spċifici għall-emmittent, inkluż l-abbiltà li jħallas lura d-dejn f'sitwazzjoni negattiva ħafna;
  - (xii) kemm hi b'saħħitha l-industrija tal-emmittent fl-ekonomija meta mqabbla mat-tendenzi ekonomiċi u l-pożizzjoni kompetitiva tal-emmittent fil-qasam tiegħu;
  - (xiii) l-analiżi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew il-prospettiva ta' klassifikazzjoni mogħtija lill-emmittent jew lill-istrumenti minn aġenċija jew aġenċiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu maħtura mill-maniġer tal-MMF bħala adatti għall-portafoll ta' investiment spċificu tal-MMF.
- (b) I-istrument tas-suq monetarju, titolizzazzjoni jew ABCP ikollhom tnaqqis fil-grad taħt l-ogħla żewġ klassifikazzjoni-jiet tal-kreditu fuq perjodu qasir minn kwalunkwe aġenċija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu irregolata u ċċertifikata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

2. Il-maniġers tal-MMFs għandhom jivvalutaw il-bidla materjali tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1(a) billi jikkunsidraw il-fatturi ta' riskju u r-riżultati tax-xenarji ta' testijiet tal-istress imsemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2017/1131.

3. Għall-iskop tal-paragrafu 1(b), il-maniġers tal-MMFs għandhom jistabbilixxu proċedura interna għall-għażla ta' aġenċiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu adatti għall-portafoll ta' investiment spċificu tal-MMF u biex jiddeterminaw il-frekwenza li biha l-MMF għandu jissorvelja l-klassifikazzjonijiet ta' dawk l-aġenċiji.

4. Il-maniġers tal-MMFs għandhom jikkunsidraw tnaqqis fil-grad kif imsemmi fil-paragrafu 1(b) u wara dan iwettqu l-valutazzjoni tagħhom skont il-metodoloġija interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

5. Ir-reviżjoni tal-metodoloġija interna ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għandha tikkostitwixxi bidla materjali kif imsemmi fl-Artikolu 19(4)(d) tar-Regolament (UE) 2017/1131, ħliet jekk il-maniġers ta' MMFs jistgħu juru li l-bidla ma hijiex materjali.

**Artikolu 9****Rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għall-kwalità tal-kreditu għall-assi msemmija fl-Artikolu 15(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1131**

Il-maniġers tal-MMFs għandhom japplikaw l-Artikoli 3 sa 8 ta' dan ir-Regolament meta jivvalutaw il-kwalità tal-kreditu ta' titoli likwidji trasferibbi jew strumenti tas-suq monetarju msemmija fl-Artikolu 15(6)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1131.

(¹) Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenċiji li jiggradaw il-kreditu (ĠUL 302, 17.11.2009, p. 1).

*Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-21 ta' Luju 2018, bl-eċċeżżjoni tal-Artikolu 1, li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/991

tat-12 ta' Lulju 2018

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-25 ta' Novembru 2015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (²), li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, ġie adottat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (3) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel ġdid u dwar l-aġġornament tal-lista tal-Unjoni.
- (4) Fil-31 ta' Awwissu 2016, il-kumpanija DSM Nutritional Products Ltd., ir-Renju Unit, għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Irlanda biex tqiegħed l-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont it-tifsira tal-punt (e) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³). L-applikazzjoni titlob biex l-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ jintuża fis-supplimenti tal-ikel u kategoriji oħra jekk tal-ikel, b'mod partikolari, fix-xorb mhux alkoħoliku.
- (5) Skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, kwalunkwe talba għat-tqegħid fis-suq ta' ikel ġdid fi ħdan l-Unjoni ippreżentata lil Stat Membru skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 u li dwarha ma tteħditx deċiżjoni finali qabel l-1 ta' Jannar 2018 għandha tiġi trattata bħala applikazzjoni sottomessa skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (6) Filwaqt li t-talba għat-tqegħid tal-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ bħala ingredjent ġdid tal-ikel fis-suq tal-Unjoni ġiet sottomessa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, l-applikazzjoni tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/2283.
- (7) Fit-12 ta' Mejju 2017, l-awtorità kompetenti tal-Irlanda ġarget ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dak ir-rapport, l-awtorità kkonkludiet li l-idrolizat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ jiġi issodisfa l-kriterji għal ikel ġdid stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.
- (8) Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra. Tqajmu ogħżejjonijiet motivati mill-Istati Membri l-oħra fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97 fir-rigward ta' informazzjoni insuffiċċenti dwar l-użi maħsuba u l-evalwazzjoni tal-espożizzjoni, id-data tossikoloġika, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-proċess ta' produzzjoni.
- (9) Fid-dawl tal-ogħżejjonijiet li tqajmu mill-Istati Membri l-oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni insuffiċċenti dwar l-espożizzjoni għall-konsum kombinat potenzjali mill-użi possibbli kollha proposti, l-applikant immodifika t-talba fir-rigward tal-kategoriji tal-ikel billi llimitata l-użu tal-ikel ġdid biss għas-supplimenti tal-ikel. Il-bidliet tal-użi proposti tal-ikel ġdid u l-ispiegazzjoni addizzjonal min-naħa tal-applikant taffew it-tħassib rigward il-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/2283 b'mod sodisfaenti għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

(¹) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

(³) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

- (10) Dawn l-ispjegazzjonijiet jagħtu biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-idrolizat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ fl-użu u fil-livelli tal-użu proposti meta jintużaw bħala ingredjent fis-supplimenti tal-ikel, jikkonforma mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
- (11) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>(1)</sup>) jistipula r-rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. L-użu tal-idrolizat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ għandu jkun awtorizzat mingħajr preġudizzju għal dik id-Direttiva.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. L-idrolizat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283.
2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tħalli l-kundizzjonijiet għall-użu u għar-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
3. L-awtorizzazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE.

### *Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

## ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

- (1) Tiddaħħal l-entrata li ġejja fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

“L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista’ jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn
<b>L-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ</b>	<i>Il-kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi</i>	<i>Id-deżejnjazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikketti ta’ supplimenti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent għandha tkun l-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ.”</i>	
	Supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE (l) maħsuba għall-popolazzjoni adulta	1 000 mg kuljum		

(l) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

- (2) Tiddaħħal l-entrata li ġejja fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

“L-ikel il-ġdid awtorizzat	Speċifikazzjoni
<b>L-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ</b>	<p><b>Deskrizzjoni/Definizzjoni:</b> L-idroliżat tal-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ huwa miksib mil-liżożoma tal-abjad tal-bajd tat-tiġieġ permezz ta’ proċess enżimatiku, bl-użu tas-subtiliżina mill-Bacillus licheniformis. Il-prodott huwa trab abjad sa isfar ċar.</p> <p><b>Speċifikazzjoni:</b> Proteina (TN (*)) × 5,30): 80-90 % Triptofan: 5-7 % Proporzjon Triptofan/LNAA (**): 0,18-0,25 Grad ta’ idroliżi: 19-25 % Ndewwa: &lt; 5 % Rmied: &lt; 10 % Sodju: &lt; 6 %</p> <p><b>Metalli tqal:</b> Arseniku: &lt; 1 ppm Ċomb: &lt; 1 ppm Kadmju: &lt; 0,5 ppm Merkurju: &lt; 0,1 ppm</p> <p><b>Kriterji mikrobijoloġiċi:</b> L-għadd aerobiku totali: &lt; 10<sup>3</sup> CFU/g L-għadd ta’ ħmira u moffa kkombinati totali: &lt; 10<sup>2</sup> CFU/g Enterobatterji: &lt; 10 CFU/g <i>Salmonella</i> spp: Assenti f’25 g <i>Escherichia coli</i>: Assenti f’10 g <i>Staphylococcus aureus</i>: Assenti f’10 g <i>Pseudomonas aeruginosa</i>: Assenti f’10 g</p> <p>(*) TN: nitroġenu totali (**) LNAA: aċċidi amminiċi newtrali kbar”</p>

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/992

tal-11 ta' Lulju 2018

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) (EUTM Somalia/1/2018)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia), inklużi d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandanti sussegwenti tal-Missjoni tal-UE.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/971 (²) emendat il-katina ta' kmand tal-EUTM Somalia. Konsegwentement, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/396 (³) tħassret, u l-Brigadier General Maurizio MORENA nħatar bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.
- (3) Fis-26 ta' Ġunju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1160 (⁴) biex ġatar lill-Kurunell Pietro ADDIS bħala s-suċċessur tal-Brigadier General Maurizio MORENA bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.
- (4) Fit-18 ta' Ġunju 2018, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-KPS jaħtar lill-Kurunell Matteo Giacomo SPREAFICO bħala s-suċċessur tal-Brigadier General Pietro ADDIS bħala l-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mis-16 ta' Lulju 2018.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danmarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danmarka ma tħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danmarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-Kurunell Matteo Giacomo SPREAFICO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mis-16 ta' Lulju 2018.

(¹) ĠUL 44, 19.2.2010, p. 16.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/971 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tiddetermina l-arranġamenti għall-ippjanar u t-tmexxija tal-missjoni militari mhux eżekutivi tal-UE fil-qafas tal-PSDK u li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja, 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠUL 146, 9.6.2017, p. 133).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/396 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/173 (EUTM Somalia/1/2016) (ĠUL 73, 18.3.2016, p. 99).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1160 tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) (EUTM Somalia/1/2017) (ĠUL 167, 30.6.2017, p. 37).

---

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/993

tal-11 ta' Lulju 2018

**li temenda d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1218  
u (UE) 2017/1219 fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni**

(notifikata bid-dokument C(2018) 4312)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE <sup>(2)</sup> ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1214 <sup>(3)</sup> li tistabbilixxi kriterji u rekwiżiti riveduti għad-deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn. Biex il-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/382/UE jingħataw biżżejjed ħin biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1214, dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2018.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/720/UE <sup>(4)</sup> ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1215 <sup>(5)</sup> li tistabbilixxi kriterji u rekwiżiti riveduti għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijal u istituzzjonali. Biex il-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijal u istituzzjonali abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/720/UE jingħataw biżżejjed ħin biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1215, dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2018.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE <sup>(6)</sup> ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1216 <sup>(7)</sup> li tistabbilixxi kriterji u rekwiżiti riveduti għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti. Biex il-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/263/UE jingħataw biżżejjed ħin biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1216, dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2018.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE <sup>(8)</sup> ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1218 <sup>(9)</sup> li tistabbilixxi kriterji u rekwiżiti riveduti għad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ. Biex il-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/264/UE jingħataw biżżejjed ħin biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1218, dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2018.

<sup>(1)</sup> ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠUL 169, 29.6.2011, p. 40).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1214 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠUL 180, 12.7.2017, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/720/UE tal-14 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil Deterġenti għall-Magni Awtomatiċi tal-Ħasil tal-Platti Industrijali u Istituzzjonali (ĠUL 326, 24.11.2012, p. 25).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1215 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠUL 180, 12.7.2017, p. 16).

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠUL 111, 30.4.2011, p. 22).

<sup>(7)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1216 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠUL 180, 12.7.2017, p. 31).

<sup>(8)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠUL 111, 30.4.2011, p. 34).

<sup>(9)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1218 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠUL 180, 12.7.2017, p. 63).

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/721/UE (¹) ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1219 (²) li tistabbilixxi kriterji u rekwiżiti riveduti għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali. Biex il-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/721/UE jingħataw bizzżejjed ħin biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1219, dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni. Dak il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 12-il xahar jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2018.
- (6) Għadd ta' korpi nazzjonali li jagħtu l-Ekotikketta tal-UE infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu estiżi dawk il-perjodi ta' tranżizzjoni b'sitt xhur minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet għat-tiġġid tal-kuntratti li jagħtu l-Ekotikketta tal-UE. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni li kkonfermat il-ħtieġa li jiġu estiżi l-perjodi ta' tranżizzjoni b'sitt xhur.
- (7) Għaldaqstant, jenħieġ li d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1218 u (UE) 2017/1219 jiġu emendati skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1214, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/382/UE jistgħu jintużaw sat-22 ta' Diċembru 2018.”.

#### *Artikolu 2*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1215, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/720/UE jistgħu jintużaw sas-26 ta' Diċembru 2018.”.

#### *Artikolu 3*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1216, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/263/UE jistgħu jintużaw sas-26 ta' Diċembru 2018.”.

#### *Artikolu 4*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1218, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/264/UE jistgħu jintużaw sas-26 ta' Diċembru 2018.”.

#### *Artikolu 5*

Fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1219, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2012/721/UE jistgħu jintużaw sas-26 ta' Diċembru 2018.”.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/721/UE tal-14 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ Industrijali u Istituzzjonali (ĠU L 326, 24.11.2012, p. 38).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1219 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 79).

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kummissjoni  
Karmenu VELLA  
Membra tal-Kummissjoni*

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2985 Il-Lussemburgo  
IL-LUSSEMBURGU

MT